Imbaghad qam wiehed ghalliem u staqsieh: "X'tghidilna fuq it-taghlim?"

U qallu:

Nghidlek li hadd fid-dinja m'ghandu l-hila li jtik gherf li ma jkunx ga qieghed fik, lest biex jistembah malli jisbah hsiebek.

L-ghalliem li jghallem lill-imxierkin fid-dell tat-Tempju ma jaghtix minn gherfu, imma jaghti mill-emmna ta' go fih u mill-imhabba li jhoss.

Jekk inhu tassew gharef, ma jdahhlikx fl-ghamara ta' gherfu, imma jwasslek sa l-ghatba tal-bieb li tista' tiftah fuq hsiebek.

L-Astronomu jasal biex jghidlek x'jaf fuq il-kobor ta' l-ispazju, imma ma jsehhlux li jghaddilek l-gharfien ta' go mohhu.

Jista' l-ghannej jghannilek l-ghana li jimla l-berah; imma ma jtik la l-widna li taqbad il-hoss u lanqas il-lehen li jwasslu.

U minn jaghraf ix-xjenza ta' l-ghadd u l-qies, jista' jkellmek dwar l-oqsma ta' l-uzin u l-wesghat tas-sengha tal-kejl, imma ma jistax jiehdok hemm.

Ghaliex l-gherf ta' mohh wiehed ma jintlibisx go mohh l-iehor.

U bhalma kull wiehed minnkom jinsab wieqaf wahdu quddiem ghajnejn Alla, hekk ukoll qieghed wieqaf wahdu <u>fl-gharfien</u> tieghu t'Alla u tad-dinja ta' madwaru.

U wiehed zaghzugh staqsieh fuq il-hbiberija, u wiegbu:

Habibek hu l-muftieh ta' kull ma tenhtieg.

Hu l-ghalqa li inti tizra' bl-imhabba u tahsad bil-hajr.

Hu kennek u wensek.

Ghax lilu tfittex meta migwieh, u lilu ssib meta mixtieq mis-sliem u s-serh.

U meta jfisser fehmtu habibek, ma tinkeddx ghax mhix bhal tieghek, u ma tiddejjaqx tghidlu fejn taqblu.

U mqar meta jkun sieket, tibqa' qalbek thoss 'il qalbu

Ghax fl-imhabba, mqar bla kliem, kull hsieb, kull xewqa, kull stennija, titwieled u titwettaq fil-ghaxqa u fil-gabra.

U meta siehbek iwarrab, ma taghlix;

Ghax dak li thobb jibqa' quddiemek, bhalma dak li jixxabbat maghha, jifhem 'il-muntanja ahjar milli jifhem il-wita li jkun miexi fiha.

U thallu l-ebda ghan iehor fil-hbiberija hlief li tikbru fl-gharfien ta' ruhkom.

Ghax l-imhabba li tfittex ghajr tifsiritha mhix imhabba, imma xibka li tinxtehed u taqbad biss kull m'hu bla siwi.

U halli l-ahjar ghal habibek.

Ghax la jafek fil-ghatx u nixfa, hallih jafek fil-gid u l-kotor.

Ghax ghandek tfittex lil siehbek ghaz-zejjed u n-nieqes?

Aqsam mieghu s-sieghat ta' hajtek u sibu fi htiegtek imma mhux fi frughatek.

U halli li jkun hemm il-ferh u d-dahk bejnietkom.

Ghax il-qalb issib is-serh taghha fin-nida tal-hwejjeg iz-zghar u biha tistahja.

U wiehed mghallem staqsieh "Xi tghidli fuq il-kliem u t-tahdit?"

U qallu:

Titkellem biss malli titlef is-sliem ma' hsibijietek.

U malli tohrog minn dar is-skiet ta' qalbek, issib ruhek tghix fuq xfar xuftejk; u l-hoss hu biss moghdija taz-zmien.

U waqt li titkellem, ghoddok tieqaf tahseb.

Ghax il-hsieb irid il-berah, u fil-qafas tal-kliem jista' forsi jmattar gwinhajh imma le jista' jtir.

Hawn min ifittex il-kliem ghax jibza' mis-skiet.

Fis-skiet jara lilu nnifsu u jibza' jhares.

U hawn min jitkellem u minghajr ma jaf u bla hsieb jikxef gherf li hu stess ma jifhmux.

U hemm min ghandu l-gherf go fih u ma jfissrux bil-kliem.

Fi qlub dawn l-uhud jghix l-ispirtu fis-skiet.

Mata tiltaqa' ma' siehbek fit-triq jew fis-suq halli lil ruhek ccaqlaqlek xuftejk u tmexxilek ilsienek.

Halli lill-lehen li qed imexxi 'il lehnek ikellem lill-widna ta' widnejn habibek.

Ghax ruhu tibqa' tiftakar it-toghma tas-sewwa ta' qalbek bhal ma l-ilsien jibqa' jiftakar it-toghma ta' l-inbid mqar meta jkun nesa l-kulur u l-garra tkun inkisret.

Qam qassis u staqsieh: "U fuq it-talb x'jidhirlek?"

U wiegbu hekk:

Intom titolbu meta dduqu l-imrar u tidhlu fit-tigrib. Mhux li kontu titolbu wkoll meta timtlew bil-ferh u tiksbu l-gid.

Ghax x'inhu t-talb? Mhux le terfa' lilek innifsek 'l fuq fl-ispazju li jdawwar id-dinja?

U jekk tistrieh meta tferra' hemmek fis-sema, ma tithenniex ferm izjed meta tferra' ferhek u sliemek?

U jekk ruhek isehhilha tigbdek ghat-talb biss meta tkun bieki, ghandha tigbdek u terga' tigbdek, dejjem tibki, sa ma fl-ahhar tigi ghat-talb bid-dahka.

Meta titlob, int toghla 'l fuq fis-shab, u hemm fuq tiltaqa' ma' ghajrek, jitlob bhalek, illi li ma kienx ghax iltqajt mieghu fit-talb, ma kont tiltaqa' mieghu qatt.

Mela fil-maqdes ghandek tmur biex tifrah, mhux biex tibki.

Ghax jekk titlob biss biex tittallab, ma taqlax.

U jekk tmur biss biex tumilja ruhek, ma tintrefax.

Lanqas jekk tmur biex tittallab ghal haddiehor, lehnek ma jasalx.

Kull ma trid hu li tmur int, mieghek innifsek.

Il-kliem biex titlob ma nghallimulekx.

Alla, il-kliem ma jisimghux hlief meta jitkellem hu stess b'xuftejk.

U lanqas naf kif jitolbu l-ibhra, u l-imsagar u l-gholjiet.

Imm'inti, li int imnissel mill-ibhra u mill-imsagar u mill-gholjiet, tista' tfittex u ghandek issib it-talba taghhom f'ruhek.

Jekk xi darba jfettillek tissemma' ftit fil-hemda tal-lejl, ghandek tismaghhom jitolbu hekk:

Ja Mulejna, li m'int hadd hlief l-istess ruhna ttir fil-berah: hi r-rrieda tieghek li nhossu f'sidirna.

Xewqtek qieghda f'xewqitna.

U hi x-xenqa ta' go fina li ghandha l-hila li tibdel il-lejl - li hu tieghek, fin-nhar - li hu tieghek ukoll.

Ma nitolbuk xejn, ghax qabilna tkun taf x'ninhtiegu.

Htiegitna hi int. Meta ttina aktar minnek, ittina kollox.

U l-poeta qallu: "Kellimna fuq il-Gmiel".

U wiegbu:

Il-Gmiel ma tistax tfittxu, jigi jsibek hu u jurik it-triq.

Inti ma tfissruh; iqieghdlek hu l-kliem fuq xuftejk.

Il-mahqur u l-migruh jghid: "Il-Gmiel qalbu tajba u dhuli; bhal omm twajba w misthija"

Min hu b'sahhtu jghid: "Le. Il-Gmiel hu ta' qawwa u setgha. Bhar-raghda li trieghed l-art u s-sema."

Il-miflug u l-ghajjien jghid: " Il-Gmiel artab u melliesi. Jitkellem minn that l-ilsien. Lehnu jikser is-skiet bis-serqa, bhal musbieh nemniem.

Il-qalbieni jghid: " Smajt il-Gmiel, lehnu jirbombja fl-gholjiet, u lebbtu l-bhejjem u tnaffru t-tjur.

Tul il-lejl l-ghassiesa tal-belt jghidulek "Il-Gmiel ghad jixref mix-xefaq mill-Lvant fil-ghodu."

Waqt li fil-ghomma tan-nhar, l-gharqan u l-haddiem jistenna l-Gmiel imil lejn l-art u jgib inzul ix-xemx.

Fil-bard ta' Jannar jghidu li l-Gmiel jigi fir-rebbiegha.

U fis-sajf, minn fuq il-qiegha jiftakru fil-gmiel ta' l-ewwel xita, mxennqa ghal ziffa bierda.

F'kollox rajtuh il-Gmiel.

Imma fis-sewwa, mhux il-gmiel rajtu - rajtu 'l xewqitkom mhux maqtugha.

U l-Gmiel mhux xewqa imma ghaxqa.

Il-Gmiel m'huwiex halq niexef bil-ghatx;
u m'huwiex id miftuha tittallab.

Imma hu qalb mixghula u ruh imdawwla.

M'huwiex is-sura li tara b'ghajnejk jew l-ghanja li tisma' b'widnejk;
imma hu d-dehra li tara b'ghajnejk maghluqa, u l-ghanja li tisma' meta titboq widnejk.

M'huwiex il-werqa fuq il-fergha, u lanqas il-gewnah itir.

Il-Gmiel hu gnien dejjem biz-zahar; qatgha angli dejjem ittir.

Il-Gmiel hu l-hajja nfisha, malli l-hajja tixref wiccha minn taht l-istar.

Imma l-hajja hi intom, u intom l-istar.

Il-Gmiel hu l-eternita titghaxxaq bi xbiehetha fil-mera.

Imma l-eternita hi intom;
u intom il-mera.

Qam qassis xwejjah u qal "Ghax ma tkellimiex fuq ir-religjon?"

Qallu:

U f'dawn l-ahhar jiem mhux fuq hekk biss tkellimt?

Ir-religjon mhux kull ma naghmlu u kull ma nhossu?
U dak li la hu ghemil u lanqas hsieb, imma ghogba u ghaxqa tiddi fir-ruh mqar meta l-id tkun medhija fil-hidma u x-xoghol?

Min jista' jifred twemminu minn ghemilu? Kif tofroq twemminek minn senghetek jew xogholok?

Min jista' jifrex is-sieghat ta' hajtu quddiemu u jghid " Din ghal Alla u din ghalija; jew "dis-siegha ghal ruhi u din ghal gismi?

Is-sieghat kollha ta' hajtek huma gwienah jaqdfu fl-ispazju, jgorru lilek maghhom.

Imbaghad Almitra qabzet u qalet: "Nixtiequ nsaqsuk fuq il-mewt"

U qallha:

U l-mewt mhux kulhadd jixtieq jifhimha?

Imma kif tista' tifhimha jekk ma tfittixx tifsiritha fil-hajja nfisha?

Kif tista' il-kokka, b'dawk ghajnejha maghmula biex jinfdu d-dalma tal-lejl, tifhem id-dija tan-nhar?

Trid tifhem tassew il-mewt? Iftah qalbek berah u ilqa' fiha il-hajja.

Ghax il-mewt tigi mill-hajja daqs kemm ix-xmara tigi mill-bahar.

L-gharfien tieghek ta lil hinn mill-hajja gej minn xewqatek u tamietek ta' did-dinja.

Qalbek, bhal ma taghmel iz-zerriegha midfuna fil-hamrija, tohlom bil-wasla tar-rebbiegha.

Afda fil-holm ta' qalbek, ghax fil-holm hemm mohbija l-moghdija li taghti ghall-hajja ta' dejjem.

Il-biza' tieghek mill-mewt hu bhall-biza' tal-bniedem twajjeb li jidher quddiem is-sultan li ma ried xejn hlief ifahhru.

Ma jkunx ferhan bit-tifhir tas-sultan?

Imma xi jhoss l-aktar? mhux it-tahbit ta' qalbu f'sidru?

Li tmut m'hu xejn hlief li tinza' gharwien u tidhol gor-rih u d-dub fid-dawl tax-xemx.

U gismek jieqaf minn-nifs mhux ghax nifsek ikun heles u harab mill-qafas li jkun maqful fih? u issa jista' jtir rebbieh u hieles ifittex lil Alla bla xkiel?

Hu biss meta tixrob mill-ilma tas-skiet li lehnek jitghallem jghanni.

U meta tkun ilhaqt il-quccata; imbaghad, minn hemm, tibda tixxabbat.

U meta l-art tohodlok dirghajk u riglejk, hemmhekk - minn dak in-nhar, titghallem tassew tizfen.

U waslet l-ghaxija.

U Almitra, l-imnebbha, qalet " Ikun imfahhar dal-jum u dan l-imkien li fih tkellmet Ruhek."

U wegibha: Min kien li tkellem? Jien kont?

Jien ma kontx ukoll qed nisma'?

U nizel it-tarag tat-tempju bin-nies kollha miexja warajh. Wasal mal-bahar hdejn il-mirkeb u rikeb. Minn fuqu hares lejn in-nies u qallhom:

Ja nies ta' Orphalese, l-irjieh qed isejjhuli. Hafif daqs l-irjieh m'inix, imma se jkolli mmur.

Ahna li dejjm niggerrew, nfittxu t-toroq battala; l-ebda jum ma jsibna fl-istess moghdija tal-jum ta' qabel; u l-ebda sebh ma jilmahna fl-istess xaqliba li jkun rana fiha nzul ix-xemx.